**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 290/2023/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Andrew Mizzi**

**<u>Illum, 8 ta' Frar 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Andrew Mizzi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0513761M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar l-14 ta' Marzu,2023, għall-ħabta ta' 15:22hrs, ġewwa ż-Żurrieq;

1. Ha jew ippruva jieħu xi għasafar ta' l-Għana, waqt staġun magħluq għall-insib ta' l-Għasafar u dan bi ksur ta' Reg 18(1) (c) ta' LS.549.42.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kont fil-pusses jew kellek fil-kontroll tiegħek jew żammejt kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-iskeda II (wħud minnhom imniżżla fi skeda I), meta dawk l-għasafar, ma ġewx dikjarati mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-ippjanar, jew il-

predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma kont fil-pusses ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Ghasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 21; jew kienu ġew importanti legalment skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-tehid tagħhom saret skond il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwista b'mod legali skond id-direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' regolament 4 (1)(e) ta' LS.549.42.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba illi barra li tagħti l-piena tar-regolament 27 ta 'l-A.L 479 tal-2006 hekk kif emendat, ordnat l-konfiska ta kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni ta 'l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Lulju 2023, wara li rat ir-regolamenti 18(1)(c), 4(1)(e), u 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (hekk kif emendat), sabet lill-qua imputat Andrew Mizzi **ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh u konsegwentament qed tikkundannah għall-piena ta' multa ta' elfejn Euro (€2000).** Il-Qorti ordnat li fit termini tar-regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar ilkonservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ghall-perjodu ta 'sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Borg, preżentat fir-reġistru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta 'Awwissu ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tvarja s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn sabet l-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti kontrih u fejn ukoll ordnat il-konfiska tal-oggetti skont ir-Regolament 27 tal-A.L 79/2006.

- Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

i. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma seta' qatt ikollu xi permess kif qed jigi allegat mahruga mill-Awtorita ta' Malta dwar l-ambjent u l-Ippjanar jew il-predessur tagħha stante li din l-Awtorita ma għadhiex teżisti u ma tressqet l-ebda prova li permezz tagħha ġie ndikat li l-Awtorita li ġiet warajha, jekk hu l-każ, assumiet xi poteri jew qed tagħmel tagħha xi liġijiet li qed issir referenza għalihom u li kienu maħruġa mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) għal liema raġuni wkoll, fin-nuqqas ta' tali prova ta' emendi relattivi, kull regolament li kien ibbażat u amanenti min tali Liġi li kien iwaqqaf din l-Awtorita huwa null u bla effett.

ii. Illi kif irriżulta waqt is-smiegħ tal-każ, ix-xhud rappreżentat tad-WBRU qal li huwa ġie mogħti erba' għasafar li ġie nfurmat li ġew elevati in konnessjoni ma' dan il-każ.

Illi bir-rispett kollu l-esponenti qatt ma kien presenti sabiex jkun zgur li dawk l-ghasafar kienu l-istess ghasafar li gew michuda mil-pussess tieghu. Ma tpoggiet l-

ebda marka fuq l-għasafar sabiex wieħed jkun jista jgħid biċ-ċert li dawk huma l-istess għasafar.

Illi in oltre, ma jista qatt aċċettat l-argument tal-Prosekuzzjoni meta fit-trattazzjoni tiegħu qal li Alla ħares wieħed jieħu in konsiderazzjoni tali dubju. Bl-affetmazzjoni tiegħu stess id-dubju jeżisti u li għalhekk tali dubju għandu jmur favur l-esponenti.

Illi bl-ebda mod ma qegħda tiġi attakkata l-integrita tal-korp tal-Pulizija pero hawn fatt magħruf li f'kull kannestru jista' jkun hem tuffieħa li tkun ħażina u bl-ebda mod għalhekk ma jistax jiġi eliminat tali dubju.

Illi lanqas ma tressqet l-ebda prova sostanzjali li permess tagħha wieħed ikun ċert li dawk li rriferu għalihom bħala l-għasafar li jappartjenu lill-esponenti, kienu effettivament dawk li ġew elevati mingħand l-esponenti u li għalhekk in vista ta' tali dubju l-esponenti ma setgħax jiġi misjub ħati tat-tieni akkuża kif dedotta. Il-fatt biss li ġiet preżentata irċevuta li suppost inħarġet fil-konfront tal-oġġett elevat ma jeliminax id-dubbju li dak l-oġġett ossie l-għasfur ġie mibdul. L-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmila ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess.

B'hekk in vista tas-suespost, hija fl-umli opinjoni tal-appellant illi l-piena u l-multa mogħtija fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet sproporzjonata u għandha tkun fil-minimum jew tqarreb lejn il-minimum u dan kemm il-darba l-aggravji l-oħra ta' dan l-appell ma jiġux milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti tal-kawża u l-fedina penali aġġornata tal-appellant inserita fl-atti.

Semgħet il-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fl-aħħar seduta meta din il-kawża giet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti hija Qorti ta 'reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**[1]

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit talistess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "I**r-Repubblika ta 'Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn.)

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.

Illi appropożitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

> "*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Ivan Gatt**,[7] ingħad illi:

> *Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta din il-Qorti fil-kaz prezenti u f kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w***

[5] [1969] 1 QB 276.
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***<u>evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta din il-Qorti huwa li tirrispetta dik iddiskrezzjoni u dak l-apprezzament.</u> Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti, u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista 'ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Iżda, din il-Qorti tagħmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konkluzzjoni ta 'ħtija.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

L--**<u>ewwel u t-tieni aggravju</u>** tal-appellant jitrattaw dwar l-apprezzament tal-provi dwar l-insib. Din il-Qorti evalwat b'reqqa l-evidenza miġjuba quddiemha. Tlett elementi kienu preżenti u ċioe 'l-azzjoni pożittiva tal-appellant, mansab li seta 'jaqbad l-għasfar u għasafar tal-ghana jew inkella *bird calle*r fil-pussess tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure</u>**'[8], dik il-Qorti kienet għamlet referenza għal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi 'real evidence'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

> '*L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu A Practical Approach to Evidence (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta Real evidence (fol. 7):*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

> ***A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses.*** *The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanor of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it . ...*
>
> ***The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ... .***

Illi f'dan ir-rigward, il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid illi:-

> *"all evidence that is logically probative being admissible, unless excluded, such evidence does not have to seek justification, but is admissible irrespective of the issues raised by the defence"*[9]

Huwa prinċipju fundamentali tal-proċess penali li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jigu pruvati **oltre kull**

[9] Prof. Sir Anthony Mamo, 'Notes on Criminal Law', it-Tieni Volum, paġna 89

**dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta 'prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta 'prova li ma jħalli ebda ombra ta 'dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, **dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-*buon sens* tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li **l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista 'jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[11]

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta 'fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta 'xhud:

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta 'Dicembru 1997.
[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

> *"id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta 'min għandu jiggudika lfatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta 'fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu.** Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta 'dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista 'torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12]

> " *Il-prova ndizzjarja ta 'spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu Criminal Practice[13] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R[14]** jgħid:

> "*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta 'Mejju, 1961.
[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952

*testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun.**[15]

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta 'għoqiedi li jaqblu ma 'xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta 'sejbien ta 'ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista 'tistrieh fuqhom biss biex tkun tista 'ssib ħtija.

**Artikolu 638** tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess.

In oltre kif ġie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l- Qorti, f 'każ ta 'konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konkluzjoni tagħha. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom –ċioe 'l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex *in breve* tevalwa l-evidenza li nġiebet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC16 E. Zammit**[17] xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn stqarr illi flimkien mal-PC572 Antoine D'Amato fl-14 ta' Marzu 2023 għall-ħabta tat-3:22pm marru

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta 'Jannar, 1998

[16] Deċiza fid-9 ta 'Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

[17] Fol 12 et seq tal-proċess.

f'għalqa fiż-Żurrieq fil-koordinati provduti lilhom ċioe' 35.824388 14.493326 wara li daħal rapport permezz ta' telefonata minn membru tal-CABS illi kien qed isir insib illegali. Jispjega li innutaw u waqfu persuna maskili li kien jinsab miexi b'basket f'idejh viċin tal-post li ġie mgħarraf lilhom. Meta ġie mitkellem Mizzi għazel li ma jeżeriċitax id-dritt tal-avukat u ffirma dikjarazzjoni ta 'rifjut. Jelabora illi dan irriżulta li kien l-akkużat *qua* appellant Andrew Mizzi, talabhom jaħfrulu u akkumpanjhom ukoll fuq il-mansab. Hu jgħid li l-mansab kien armat iżda mhux maqlub, b'żewġ pari xbiki u bil-ġbid tiegħu li kien seta' jinġibed minn ġewwa d-dura. Spjega li mill-post ġew elevati l-għasafar tal-għana u l-par xbieki. Jgħid li l-għasafar imbagħad ittieħdu għand il-WBRU.

**<u>PC 572 Antoine D'Amato[18]</u>** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit fejn stqarr illi fl-14 ta' Marzu 2023 għall-ħabta tat-3:22pm kien f'ronda bil-mixi ma' PC16 fejn kienu qed ifittxu mansab għall-għasafar tal-għana wara li daħal rapport mingħand Fiona Burrows tal-CABS bil-koordinati tal-post. Jgħid li meta ltaqgħu ma' raġel miexi b'basket f'idu fid-direzzjoni tagħhom. Jispjega li meta waqfuh huwa infaqa jibki u talabhom jaħfrulu u qal li ma kienx se jerġa jmur jonsob. Jżid ukoll illi huwa talbu jurihom x'kien fih il-basket u seta' jara erba għasafar tal-għana fil-gabbjetti. Jistqarr li Andew Mizzi ikkonferma li l-għasafar kienu tiegħu u li kien qed jonsob, kif ukoll ħadhom fuq il-mansab, fejn sab mansab armat bix-xbieki u l-ġbid. Jgħid li l-għasafar imbagħad ittieħdu għand il-WBRU.

**<u>Fiona Burrows[19]</u>** xehdet bil-lingwa Ingliza nhar it- 3 ta' Lulju 2023 fejn qalet li fl-14 ta' Marzu 2023 fejn qalet li ser tkun qegħda tixhed għan-nom tal-Committee Against Birds Slaughter. Hija spjegat li flimkien ma' voluntier ieħor kienu fiż-żona bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq ifittxu siti ta' nsib illegali. Għal ħabta ta' 02:40pm semgħu ħoss tal-għasfar tal-għana (*finches*) ġej minn xi għelieqi wara ħajt li kienu qed jintużaw bħala *caged decoys*. Spjegat illi meta ħarsu wara l-ħajt raw mansab attiv bix-xbiexi kif ukoll għasafar fil-gaġeġ. Minkejja li kien possibli li tinnota moviment fil-mansab ma

18 Fol 16 et seq tal-proċess.
19 Fol 4a et seq tal-proċess.

setgħetx tidentifika min kien hemm. Hija tgħid li ma ħaditx filmati għaliex kienet viċin wisq u ma riditx tippreġudika l-każ u għalhekk telqet mill-post, u ċemplet lill-EPU fejn tgħathom l-*GPS location* tal-mansab. Qalet li iktar tard dakinhar, l-EPU infurmawha illi marru fuq il-post li hija rrapurtatilhom, sabuh attiv, u qabdu lis-suspettat u kkonfiskawlu l-affarijiet mill-mansab. Meta mistoqsija jekk kelliex r-rapport hija tirrispondi fin-negattiv u tgħid li kull ma kellha kienet spjegazzjoni bażika[20] li tindika l-post in kwistjoni fuq mappa, u li lanqas ma kellha filmati. In kontro-ezami hi qalet li l-Pulizija nfurmawha li kienu kkonfiskaw l-affarijiet mill-mansab.

**Nicholas Grech**[21] xehed in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit* nhar it- 3 ta' Lulju 2023 fejn qal li fl-14 ta' Marzu 2023 membru tal-EPU nfurmaw lid-WBRU compliance team li kienu se joħdulhom xi għasafar fl-uffiċju tagħhom. Qal li skont l-informazzjoni li għaddewlhom il-Pulizija dawn l-għasafar kienu jappartjenu lill Andrew Mizzi li nstab jonsob għall-għasafar waqt staġun magħluq fl-inħawi taż-Żurrieq. Elabora li dawn l-għasafar waslu l-uffiċju tal-WBRU u ġew iċċekjati. Sostna li huma għamlu l-verifiki u li l-akkużat qua appellant kellu liċenzja ġenerali għall-insib tal-għasafar[22] iżda l-istaġun kien magħluq u ma kien hemm l-ebda deroga u wisq anqas liċenzja speċjali. Qal li fost l-għasafar li ġew preżentati lilu kien hemm erbgħa ġojjini *(common linnets).* Spiega li wieħed minnhom kien liebes ċurkett tal-plastik mqasum u t-tlieta l-oħra kellhom ċurkett tal-R 16U li kien meqjus bħala falz u għalhekk l-għasafar kollha kienu meqjusa bħala ta' pussess illegali. Huwa preżenta ukoll rapport imħejji minnu u minn Karl Cauchi.[23] In kontro-eżami huwa jikkonferma li dawn kienu l-għasafar li għaddewlu l-Pulizija u li kienu huma li qalulu li dawn ittieħdu mingħand s-Sur Andrew Mizzi. Mistoqsi kif wasal għal konklużjoni li ċ-ċrieket kienu foloz jirrispondi li r-rapport jispjega dan.

---

[20] Fol 21 tal-proċess.

[21] Fol 4d et seq tal-proċess.

[22] Fol 23 tal-proċess

[23] Fol 14 et seq tal-proċess.

Illi issir referenza għall-kawża bl-ismijiet ir-**<u>Repubblika ta 'Malta vs George Spiteri</u>**[24] fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan irrekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur lakkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawża bl-ismijiet **<u>Pulizija vs Paul Grech</u>**[25] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta 'April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

> "l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinciment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mirreita' ta' l-imputat."

Tenut kont dak mgħadud hawn fuq, kif ukoll l-evidenza fotografika ippreżentata, bl-esperjenza tagħha, din il-Qorti tista 'tikkonkludi illi minn dak li rat hi stess mir-ritratti preżentati (fol.7 tal-proċess) kien hemm attivita 'ta 'nsib. Illi mill-affidavits tal-Pulizija ma jirriżultax li l-appellant kien fuq il-post ta' l-inċident. Madanakollu kien l-appellant stess li wara li ġie mgħoti '*t-twissijiet legali* , ammetta li kien qed jonsob, u filwaqt li talabhom jaħfrulu tenna li mhux se jerġa jagħmel hekk darb'oħra.

Illi kien ukoll l-appellant stess li wrihom l-għasafar fil-baskett u akkumpanjhom fuq il-post fejn kien jinsab il-mansab, liema mansab ukoll kien jaqbel mal-ko-ordinati

---

[24] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta 'Lulju,2002.

[25] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta 'April, 2001

provduti mis-Sinjura Fiona Burrows. Jidher kjarament illi l-mansab kien armat attiv, b'lasti u xbieki. Illi kemm PC16 E. Zammit kif ukoll PC 572 Antoine D'Amato fl-affidavit tagħhom bil-ġurament jikkonfermaw li kien hemm ukoll il-ġbid li jgħati għal ġod-dura. PC16 jgħid ukoll li l-mansab instab mhux maqlub, iġifieri kien qed jintuża.

Għar-rigward tat-**tielet aggravju** u ċioe' l-allegat illegalita' fit-tfittix fuq l-akkużat, jibda' biex jingħad illi l-Artikolu 351(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> *"(1)Uffiċjal tal-Pulizija jista, f post pubbliku jew f post aċċessibbli għallpubbliku ukoll bi ħlas, jipperkwiżixxi kull persuna jew vettura, jekk ikollu suspett raġonevoli li l-perkwiżizzjoni tista tikxef il-pussess ta affarijiet li huma projbiti, misruqa jew akkwistati permezz ta reat ikun liema jkun, jew li jistgħu jiġu wżati jew li setgħu ġew użati biex isir xi reat."*

Il-Pulizija kwindi għandha l-jedd li twaqqaf u tfittex persuna jew vettura jekk ikun hemm **suspett raġonevoli.** Illi a kuntrarju ta' dak sostnut mill-appellant, id-diċitura tal-liġi fl-artikolu 351 ma tillimitax tali setgħa ta' twaqqif u perkwiżizzjoni għall-eżerċitu minn uffiċjal superjuri ta' grad mhux inqas minn dak ta' Spettur bħal ma tagħmel fl-artikolu 352, u oħrajn.

Illi a skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti tħoss li s-sitwazzjoni trid tiġi eżaminata b'mod ħolistiku sabiex jiġi determinat kienx jeżisti s-suspett raġonevoli a termini tal-artikolu 351 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant instab għaddej miż-żona in kwistjoni. Jirriżulta, anke mill-istesss affidavits li l-appellant kien viċin sew tal-ko-ordinati provduti mis-Sinjura Fiona Burrows.

Fiċ-ċirkostanzi dina l-Qorti ma għandhiex raġuni l-għaliex tiddubita minn dak iddikjarat li l-Pulizija tawh 'twissijiet legali 'u li in segwietu huwa irrifjuta id-dritt tiegħu li jkun assistit legalment minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Illi ġie ppreżentat ukoll rekord bil-miktub ta 'dan ir-rifjut tenur tas-subartikolu 355AUA(6) tal-Kodici

Kriminali (vide fol.18-19 tal-proċess). Għal dawn ir-raġunijiet, dina l-Qorti, tħoss li jkun *safe and satisfactory* li hija tistrieħ fuq l-ammissjoni mogħtija lill-Pulizija f'dawn iċ-ċirkostanzi meta tiġi sabiex tikkunsidra r-*reita o meno* tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għar-rigward tar-**raba aggravju** konċernati d-diċitura tal-artikolu 4(1)(e)(i) tal-Liġi Sussidjarja 542.42 inkluż l-esistenza o meno tal-Awotrita' regolatorja u s-setgħat tagħha fil-liġi, hawn ukoll it-tezi tal-appellant ma ssibx kenn.

Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi hija promulgata taħt il-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Artikolu 2 tal-Att jiddefinixxi "l-Awtorità" bħala:

> *"l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi mwaqqfataħt l-artikolu 6 u tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f'isimha bis-saħħa ta' setgħat delegati mill-Awtorità taħt dan l-Att, u l-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jaħtar korpi jew persuni differenti bħala awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att jew għal xi regolamenti magħmula taħthom"*

L-Artikolu 84 tal-istess Att espliċitament jipprovdi illi:

> *(4) Kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew kull prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula jew miżmuma fis-seħħ taħt xi dispożizzjoni tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u li jkun għadu fis-seħħ minnufih qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan l-Att, għandu minn dik id-data jibqa fis- seħħ u jitqies bħallikieku kien liċenza, permess, awtorità, ordni, avviżjew ċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuża mogħtija jew magħmula taħt dispożizzjoni pariġġħa ta dan l-Att, u kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat, jew prosekuzzjoni jew akkuża bħal dawn għandu jitqies u jiġi trattat bl-istess mod:*

*Iżda fil-każ ta kull liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat li nħareġ għal żmien speċifiku, tali liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat għandu jibqa operattiv għal dak iż-żmien mid-data tal-ħruġ tal-istess liċenza, permess, awtorità, ordni, avviż jew ċertifikat.*

Għaldaqstant, m'hemmx dubju illi l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi assumiet il-poteri li anteċedendement kienu attribwiti lill-Awtortità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar u dan a termini tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-**ħames aggravju** tiegħu, l-appellant jilmenta li kien obbligu tal-Prosekuzzjoni li tara li ċ-*chain of custody* ma tiġix miksura jew xorta oħra kkontaminata. Il-prinċipju taċ-'*chain of custody* daqskemm iċ-'*chain of evidence* , jgħid li huwa dritt sagrosant tal-akkużat li jkollu garanzija tal-awtentiċita 'tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-oriġini tagħhom, ta 'xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew gew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Josef Majri**[26] ġie ritenut hekk:

*"41. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġjonevoli f moħħ minn irid jiġġudika l-fatt dwar it-traċċjabilita tal-oġġetti jew dwar l-awtentiċita, l-integrita u l-kontinwita tagħha. Il-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik levidenza li ġiet miġbura, maħduma u miżmuma b mod integru millbidu tal-istħarriġ sal-fażi fejn tkun qed tiġi preżentata b evidenza fil-Qorti."*

Nicholas Grech[27] xehed in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit* nhar it- 3 ta' Lulju 2023 fejn qal li fl-14 ta' Marzu 2023:

[26] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-28 ta 'Marzu, 2023.
[27] Fol 4d et seq tal-proċess.

*Avukat:* *U fejn taf li dawk kienu l-istess għasafar li ttieħdu minn fuq il-post?*

*Xhud:* *Jien li naf li l-Pulizija għaddewli l-għasafar u tawni rċevuta.*

*Avukat:* *Task irċevuta pero liem huma l-għasafar ma tafx?*

*Xhud:* *Sorry?*

*Avukat:* *L-għasafar jekk kienux l-istess ma tafx.*

*Xhud:* *Jiena l-Pulizija qaluli li dawn l-għasafar li għaddewli kienu ttieħdu mingħand is-Sur Mizzi.*

Illi ġiet ippreżentata ukoll l-irċevuta fol.20 tal-erbgħa għasafar tal-għana irċevuti minn Carl Cauchi fl-WBRU, liema riċevuta hija ffirmata ukoll mill-PC572, li fl-affidavit tiegħu bil-ġurament tiegħu ukoll ikkonferma li l-għasafar elevati mill-post ġew ikkonsenjati minnu lill-WBRU.

Illi dwar il-prinċipju ta' kontinwità tal-evidenza (*chain of custody)* din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta 'Ottubru 2022 fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta ' Malta vs. Adrian Piscopo** (Numru 19/2021) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs David San**t[28] fejn fuq dawn il-punti l-Qorti espremiet ruħha billi qalet hekk:

***Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza, li l-abbli difensur ta' l-appellant sahaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit-trattazzjoni, tqum biss – u dan, fi kwalunkwe kaz, fil-kuntest tal-valur probatorju – jekk kemm-il darba jkun irid jigi stabbilit li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess oggett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oggett gie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi***

28

***proprjeta` tieghu li tista' tghin filprova tal-htija jew tal-innocenza tal-imputat jew akkuzat.*** *Issa, fil-kaz in dizamina is-Supretendent Mario Spiteri10 fisser li d-DVD kien ghaddihulu l-editur tal-Maltatoday wara li dan il-gurnal kien ippubblika fil-harga ta' nofs il-gimgha stills f'forma ta' ritratti mehuda mill-filmat. La dana l-editur u lanqas min effettivament gibed il-filmat ma ttella' jixhed. B'dana kollu dan ma jirrendix id-DVD inammissibbli, u dan ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imfissra. Kwantu ghal-valur probatorju – u cioe` (1) jekk dak li juri dan il-video hux minnu (fis-sens li verament sehh dak li jidher fih, u li ghalhekk dan mhux xi montatura) u (2) jekk hux verament l-appellant li jidher fih jaghmel xi affarijiet – l-appellant stess kemm meta gie interrogat mis-superjuri tieghu kif ukoll meta ddepona quddiem din ilQorti f'ebda hin ma cahad li dak li juri dak il-filmat ma hux minnu jew li l-persuna li tidher ixxejjer bl-irkoppa ghal darbtejn fid-direzzjoni ta' mara f'vettura ma kienx hu: anke din il-Qorti setghet tistabilixxi lil hinn minn kull dubbju dettat mir- raguni u minghajr il-htiega ta' xhieda jew periti, li l-ufficjal li jidher jaghmel dawn l-affarijiet hu filfatt l-appellant.*

Illi fl-aħħar net l-appellant jilmenta ukoll mill-piena imposta u dan għaliex fil-fehma tiegħu tali piena hija waħda eċċessiva fiċ-ċirksotanzi. Huwa paċifiku li din il-Qorti ma tbiddilx il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti jekk dik tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u ma tinġiebx prova oħra quddiem din il-Qorti sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-piena kient tassew eccesiva kif espress fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet i**l-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[29], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[30] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[31] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli

[29] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar l-24 ta' Ottubru, 2007
[30] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-3 ta' Lulju, 2013
[31] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-13 ta' Frar, 2001

Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi fir-rigward dak li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioe dik ta' ħlas ta 'multa ta 'elfejn ewro (€2,000) u s-sospensjoni tal-liċenzja għal żmien sentejn, huwa indubitat illi din taqa 'sewwasew fil-parametri tal-liġi u għaldaqstant hija waħda ekwa u ġusta. Kwindi l-Qorti ma tista 'tara li hemm ebda mottiv li jista 'jwassalha biex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward il-piena imposta.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef